IMA

**Awtorità għall-Monitoraġġ Indipendenti**
**(Independent Monitoring Authority)**
Għall-Ftehimiet tad-Drittijiet taċ-Ċittadini

# L-Awtorità għall-Monitoraġġ Indipendenti għall-Ftehimiet tad-Drittijiet taċ-Ċittadini



# Dwarna

L-Awtorità għall-Monitoraġġ Indipendenti għall-Ftehimiet tad-Drittijiet taċ-Ċittadini ġiet stabbilita mill-Att tal-Unjoni Ewropea dwar il-Ftehim dwar il-Ħruġ 2020 u tħares id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-EFTA, u l-membri tal-familja tagħhom:

- li ilhom jgħixu fir-Renju Unit u f'Ġbilità minn qabel Diċembru 2020 (jew huma eliġibbli li jingħaqdu ma' membri tal-familja wara din id-data) u;
- li applikaw għall-Iskema għall-Iistatus ta' Stabbilit għaċ-ċittadini tal-UE (EUSS).

# Għandna żewġ doveri ewlenin:

1. Li nimmonitorjaw kif il-korpi pubbliċi fir-Renju Unit u f'Ġibiltà qed iħarsu d-drittijiet taċ-ċittadini. Dan ifisser li b'mod attiv infittxu informazzjoni li se tgħinna nidentifikaw fejn l-affarijiet sejrin tajjeb u fejn l-affarijiet mhux mexjin sew.
2. Li nippromwovu l-implimentazzjoni effettiva tad-drittijiet. Dan ifisser li ngħinu liċ-ċittadini jifhmu d-drittijiet tagħhom u ngħinu lill-korpi pubbliċi jifhmu fejn l-affarijiet sejrin ħażin sabiex ikunu jistgħu jikkorreġuhom.

Neżaminaw l-ilmenti miċ-ċittadini u għandna l-poteri li nniedu inkjesti u nieħdu azzjoni legali meta meħtieġa. Il-mira tagħna hija li niżguraw li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jgħixu u jaħdmu fir-Renju Unit u f'Ġibiltà, irabbu l-familji tagħhom u jaċċessaw kura tas-saħħa, edukazzjoni u benefiċċji bħalma kienu jagħmlu qabel ma r-Renju Unit ħareġ mill-UE.

# Id-drittijiet tiegħek spjegati

Il-missjoni tal-IMA fil-biċċa l-kbira hija relatata mad-drittijiet stabbiliti fit-Tieni Parti tal-Ftehimiet dwar il-Ħruġ u s-Separazzjoni (il-Ftehimiet):



# Sigurtà Soċjali

Individwi li għexu kemm fir-Renju Unit u fl-UE qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni jistgħu jkomplu jaċċessaw pensjonijiet, benefiċċji u forom oħra tas-sigurtà soċjali.



# Xogħol

Dan ifisser id-dritt li taħdem, inkluż li taħdem għal rasek. Dan japplika wkoll għal ħaddiema transkonfinali: ċittadini li huma impjegati jew li jaħdmu għal rashom fir-Renju Unit iżda jgħixu xi mkien ieħor. Id-dritt għax-xogħol huwa bbażat fuq il-prinċipju li ma jistax ikun hemm diskriminazzjoni kontra l-ħaddiema minħabba n-nazzjonalità tagħhom.

# Residenza

In-nies għandhom id-dritt li jkomplu jgħixu fir-Renju Unit jew f'Ġibiltà, u anke d-dritt li jidħlu u joħorġu mir-Renju Unit.

Fir-Renju Unit, iċ-ċittadini jridu japplikaw għall-EUSS biex ikollhom drittijiet ta' residenza. Dawk li l-applikazzjonijiet tagħhom għadhom mhumiex determinati għandhom l-istess drittijiet.

F'Ġibiltà, iċ-ċittadini ma kinux jeħtieġu japplikaw għal skema, għalhekk ċittadini tal-UE, taż-ŻEE jew tal-EFTA u l-membri tal-familja tagħhom li kienu jgħixu hemm mill-31 ta' Diċembru 2020 għandhom id-dritt li joqogħdu hemm.



# Kwalifiki

Rikonoxximent reċiproku ta’ kwalifiki professjonali jfisser id-dritt biex il-kwalifiki li kienu diġà rikonoxxuti qabel il-31 ta’ Diċembru 202 (jew kienu fil-proċess li jiġu rikonoxxuti f’dak il-perjodu), biex jibqgħu rikonoxxuti fir-Renju Unit.





# Trattament Ugwali

Ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-EFTA u l-membri tal-familja tagħhom iridu jiġu ttrattati l-istess bħaċ-ċittadini tar-Renju Unit u ta' Ġibiltà fir-rigward tal-aċċess għal ċerti servizzi pubbliċi u xi benefiċċji. Dan jinkludi l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa u xi benefiċċji.

Hemm ukoll dritt ġenerali biex ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli fuq raġunijiet ta' nazzjonalità fejn ma hemm l-ebda protezzjoni speċifika.

# Eżempji tad-drittijiet tiegħek jinkludu t-trattament ugwali fil-kuntest ta’:

| | |
|---|---|
| Aċċess għall-NHS | Aċċess għax-xogħol |
| Aċċess għall-akkomodazzjoni | Aċċess għall-benefiċċji |
| Vjaġġar lejn u ’l barra mir-Renju Unit | Miżati tal-istudenti u appoġġ |


ima@ima-citizensrights.org.uk

www.ima-citizensrights.org.uk

Independent Monitoring Authority
3rd Floor Civic Centre
Oystermouth Road
Swansea SA1 3SN

@IMA_CitRights
@imacitizensrights
@independentmonitoringauthority